Kunsill Lokali Paola

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-05

L-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch | Kunsillier |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 05.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

05.01.01 Is-SE informa li l-Kunsillier Lynch kien informa li ma setgħax jattendi peress li kien ser ikun imsiefer. Il-Kunsillieri approvaw li l-Kunsillier Lynch għandu jitqies bħala skużat.

## 05.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nri. 09/03 u 09/04

05.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/03 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati kif emendati. Il-Kunsilliera Agius Attard ipproponiet filwaqt li l-Kunsillier Camilleri issekonda.

05.02.02 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/04 ma kienux laħqu tlestew u għalhekk ser ikunu fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 05.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

05.03.01 Is-Sindku spjega li l-ġimgħa li għaddiet kellna laqgħa ma' uffiċċjali minn Transport Malta (TM) rigward it-*Traffic Management* fl-inħawi ta' Triq l-Arkati. Huwa wera d-diżappunt tiegħu li minkejja li l-Kunsilliera kollha kienu kkonfermaw li ġejjin minbarra l-Viċi Sindku, kienet biss il-Kunsilliera Piccinino u hu u s-SE li attendew. Is-Sindku spjega l-pjan ta' TM u qal li minbarra numru ta' tibdil fir-rotta, l-pjan kien jinkludi wkoll xi *build-outs* biex fil-bidu t-triq tidjieq kif ukoll *bollards* fuq il-bankina li ser ikunu jistgħu jitneħħew f'każ ta' bżonn. Fuq punt imressaq mill-Kunsillier Caruana, s-Sindku ikkonferma li l-problema mhux ser titneħħa minn triq u titpoġġa f'post ieħor. Il-Kunsilliera Piccinino talbet li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti iżda wara diskussjoni qasira ma kienx hemm qbil. Il-Kunsilliera Piccinino talbet li jittieħed vot u r-riżultat kien ta' 2 membri favur il-laqgħa ta' konsultazzjoni u 4 kontra. Kien hemm qbil li dan it-*Traffic Management* għandu jiġi mplimentat bi prova u li kopja tal-pjan tintbagħat lill-Kunsillieri u eventwalment jittella anke fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill.

05.03.02 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Onor. Ministru Bonett fejn matula ġie diskuss il-*Master Plan*. Huwa qal li l-Ministru wegħdu li kienu qed jaħdmu fuqu u li sa 6 xhur oħra għandu jitlesta l-parkeġġ ġewwa Pace Grasso kif ukoll tibda taħdem is-sistema ta' *Park & Ride*. Huwa semma wkoll il-ħajt ta' Pace Grasso u qal li dan ser jitranġa. Rigward il-parkeġġi għar-residenti, s-Sindku nforma li dan ser isir iżda qabel iridu jiġu identifikati kemm u fejn ser isiru dawn il-parkeġġi. Kien hemm qbil li dwar dan il-*Master Plan* issir konsultazzjoni pubblika fejn il-Perit tal-Kunsill jispjega d-dokument ippreparat minnu. Kopja ta dan il-*Master Plan* ser jintbagħat lill-Kunsillieri. Is-Sindku spjega wkoll li l-Ministru wiegħed li minbarra li ser titranġa Pjazza Antoine De Paule, ser jitranġa wkoll Ġnien Pawlu Boffa fejn iż-żona tal-bandli ser tingħalaq għaliha għas-sigurtà tat-tfal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

05.03.03 Is-Sindku spjega li dwar l-irwejjaħ fil-lokalita' kien qajjem il-punt fil-laqgħa tar-Reġjun imma ħadd mill-Kunsilli l-oħra ma jidher li huma affettwati. Huwa qal li qed nistennew id-data ta' laqgħa li tlabna li ssir mal-ERA sabiex inkunu nistgħu

inwasslu l-ilmenti tagħna kif ukoll nisimgħu il-verżjoni tal-ERA. F'intervent il-Kunsilliera Piccinino spjegat kemm kienet ilha ssegwi din il-materja u fost l-oħrajn spjegat li r-*readings* fuq is-sit tal-ERA mhux aġġornati. L-Kunsillier Caruana issuġġerixxa li għandna ninkludu wkoll lill-Prof. Charmaine Gauci kif ukoll lis-Sanita' sabiex jgħinu biex din il-problema tiġi eliminata.

05.03.04 Is-Sindku nforma li konna ingħatajna persuna oħra sabiex tieħu ħsieb il-latrina pubblika ta' Triq il-Foss u li din issa qed tiftaħ mis-7:00 ta' fil-għodu sas-7:00 ta' fil-għaxija. Huwa qal li minħabba l-fatt li l-ħaddiema ser jibdew jaħdmu f'ħinijiet fejn il-Kunsill ma jkunx miftuħ u għalhekk ma jistgħux jagħmlu użu mill-*punch clock*, minn Settembru l-ħaddiema kollha tal-*Community Workers Scheme* ser jibdew jiffirmaw l-attendenza.

05.03.05 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Onor. Segretarju Parlamentari Omar Farrugia fejn sar qbil li l-PWD jibdlu l-wiċċ tal-bankini fi Vjal Kristu Re u fi Triq is-Sorijiet. Il-Kunsilliera Piccinino semmiet li anke l-bankina fi Triq tal-Borg kien hemm bżonn li jsirilha ntervent peress li hemm partijiet minnha li jiżolqu (l-parti l-ħamra tal-ewwel blokka mill-HSBC).

05.03.06 Is-Sindku issuġġerixxa li jibda jsir ħasil tal-bankini bil-*power-wash* fuq bażi regolari u għalhekk talab lill-Kunsillier sabiex jindikaw liema huma dawk it-toroq li l-iktar għandhom bżonn dan il-ħasil speċjalment minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem.

05.03.07 Rigward is-Suq is-Sindku spjega li l-PWD kienu ser jgħinu sabiex isiru ċertu xogħlijiet però qabel kien hemm bżonn li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-*area*. Dwar dan kien hemm qbil. Huwa qal li kien irċieva diversi lmenti mir-residenti peress li l-bejjiegħa kienu qed jarmaw kmieni u waqt laqgħa mas-supretendent tad-Distrett, kien hemm qbil li għandhom isiru t-tabelli li jindikaw li nhar ta' Erbgħa, Ħamis, Ġimgħa u Sibt, vetturi ma jistgħux jipparkjaw fuq il-post bejn waras-6:00 ta' fil-għodu. Dwar dan kien hemm qbil.

05.03.08 Rigward l-attivitajiet is-Sindku spjega li għall-attività' ta' nhar is-Sibt għal-Għawdex, kien hemm 60 persuna ibbukkjati. Huwa ħabbar attività għal Halloween bejn it-30 u 31 ta' Ottubru li ser issir ġewwa Ġnien Pawlu Boffa u din ser issir b'risq il-Kawża għal Fondi Ġusti. Din l-attività ser tinkludi wkoll l-ikel. Kien hemm qbil ukoll li fl-1 ta' Novembru ssir attività bejn il-parroċċi fejn issir purċissjoni bl-istatwi ż-żgħar mill-Parroċċa ta' Lourdes sal-Parroċċa ta' Kristu Re fejn issir quddiesa. Rigward il-Milied is-Sindku issuġġerixxa li ssir attività waħda bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tar-raħal fejn isir palk fejn isiru l-attivitajiet u 2 *christmas trees*, waħda fuq kull naħa. Huwa qal li l-kumpless *Main Street* kien offra €1,000 sabiex jgħin f'din l-attività. Il-Kunsillier Caruana issuġġerixxa li ssir xi attività anke fil-Parroċċa ta' Lourdes.

**05.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

05.04.01 Il-Viċi Sindku talab li jibdew jitnaddfu l-*water culverts* u s-SE informa li x-xogħol ta' tindif kien beda propju llum.

05.04.02 Il-Viċi Sindku talab li jiżdied bi ftit il-*crash barrier* li hemm fi Triq Dom Mintoff. Din it-talba ġiet approvata.

05.04.03 Il-Viċi Sindku nforma li l-laqgħat tal-anzjani kienu ser jerġgħu jibdew fis-16 ta' Settembru filwaqt li fid-19 ta' Settembru kienet ser issir *Sports Day* u li għaliha setgħu jattendu sa 50 ruħ. Kien hemm qbil li jsir avviż meta jsiru dawn il-laqgħat.

05.04.04 Il-Viċi Sindku irringrazzja lil-Ministru Bonett għad-deċiżjoni li ttieħdet li jitneħħew il-kontejners minn Kordin u Ras Ħanżir.

05.04.05 Il-Kunsillier Caruana nforma li kienet saret laqgħa għall-għaqdiet sportivi ta' Paola fejn ġie spjegat lilhom il-ħsieb tagħna li napplikaw sabiex Paola tkun it-*Town of Sports 2026*. Huwa qal li dawk li attendew kienu kollha favur li napplikaw għal dan it-titlu. Il-Kunsillier Lynch li huwa responsabbli mill-isports ikkonferma dak li qal il-Kunsillier Caruana u wiegħed li kien ser jaħdem id f'id miegħu sabiex din il-ħolma ssir realtà. Fiċ-ċirkostanzi, b'mod unanimu, ġie deċiż li l-Kunsill japplika formalment għal dan it-titlu.

05.04.06 Il-Kunsillier Caruana ressaq bil-miktub numru ta' mistoqsijiet rigward l-irwejjaħ fir-raħal. Il-Viċi Sindku ntervjena u ta dettalji ta' dak li sar fi żmien li hu kien Sindku u qal li kien sar investiment ta' madwar 4 miljun Euro sabiex l-irwejjaħ jonqsu drastikament. Kien hemm qbil li dawn il-mistoqsijiet jiġu diskussi waqt il-laqgħa li ser ikollna mal-ERA.

05.04.07 Il-Kunsillier Caruana staqsa jistax isir xi ħaġa dwar il-problema ta' parkeġġ fi Triq il-Foss. Is-Sindku nforma li kienet ser issir laqgħa ma' *Infrastructure Malta* dwar Triq il-Foss u Triq Santa Ubaldeska peress li dawn iż-żewġ toroq ser jinbdew mill-ġdid fil-ġejjieni qarib.

05.04.08 Il-Kunsillier Caruana talab skeda tal-knis ġewwa l-lokalita' u s-SE ipprovda kopja tal-iskeda lill-Kunsillier preżenti.

05.04.09 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-bankini għolja ħdejn iż-*zebra crossings* fi Triq Ħal Luqa u Triq Tarxien u s-SE informa li dawn ser jitbaxxew fil-ġimgħat li ġejjin mill-kuntrattur ta' *Infrastructure Malta*.

05.04.10 Il-Kunsillier Caruana talab li jsiru *parking bays* u *Double Yellow Lines* fin-naħa ta' fuq ta' Triq l-Arkati qabel tidhol taħt is-suq u kien hemm qbil li dawn għandhom isiru.

05.04.11 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar il-korsijiet tal-*Life Long Learning* u s-SE informa li bħala Kunsill konna applikajna sabiex dawn isiru ġewwa l-binja l-antika tal-Kunsill iżda konna ġejna mgħarrfa li peress li dawn mhux aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali, dawn ma setgħux isiru.

05.04.12 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk hemmx xi soluzzjoni dwar il-boroż tal-iskart tar-residenti tal-*A3 Towers*. Is-SE informa li kien ser jitkellem mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart dwar din il-problema.

05.04.13 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk hux possibbli li toroq li tradizzjonalment kienu jagħmlu parti minn Paola u li meta twaqqfu l-Kunsilli saru jagħmlu parti minn Kunsilli oħra, jerġgħu isiru jagħmlu parti minn Paola. Is-SE informa li din hija problema li ġiet iffaċċjata minn diversi Kunsilli u kienu ftit ħafna dawk li dak iż-żmien kien irnexxielhom jieħdu lura toroq li marru ma Kunsilli oħra.

***Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fit-20:35 minħabba mpenji oħra personali.***

05.04.14 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar siġra li hemm f'Pace Grasso u li allegatament qed tagħmel ħsara lil-terzi. Is-SE informa li din is-siġra ser titneħħa kompletament waqt li l-post ser ikun qed jinbidel f'parkeġġ fix-xhur li ġejjin.

05.04.15 Il-Kunsillier Caruana irrimarka li hemm bżonn ta' *patching* f'parti minn Triq Zabbar. Il-Kunsillier Caruana ser jipprovdi l-indirizz sabiex dan il-*patching* ikun jista' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

05.04.16 Il-Kunsillier Caruana nforma li s-Sur Conrad Gatt kien qed jitlob laqgħa mas-Sindku u miegħu rigward ix-xelters li hawn ġewwa r-raħal. Kien hemm qbil li tinstab data u ħin konvenjenti għal kulħadd sabiex issir din il-laqgħa.

05.04.17 Il-Kunsillier Caruana ressaq talba sabiex jitneħħew numru ta' siġar tal-Oleandri li hawn madwar il-*flats* fi Triq Guze' D'Amato/Triq il-Knisja. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil-kuntrattur tal-Kunsill.

05.04.18 Il-Kunsillier ressaq talba mingħand resident sabiex *Double Yellow Lines* li hemm fi Triq il-Kurvetti jiġu mtawwla sabiex jiġi eliminat inkonvenjent. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

05.04.19 Il-Kunsillier Caruana ressaq talba sabiex fil-25 ta' April 2025 issir attività' għall-anzjani minn *Heritage Malta*. Kien hemm qbil li din l-inizjattiva tiġi diskussa mal-Viċi Sindku li huwa responsabbli mill-anzjani.

05.04.20 Il-Kunsilliera Piccinino talbet li għandu jsir *assessment* dwar il-ħsejjes ikkawżati mill-*Health Hub*. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-awtoritajiet tas-saħħa dwar dan is-suġġett.

05.04.21 Il-Kunsilliera Piccinino tkellmet dwar inċident fejn talbet persuna sabiex tieqaf titma l-ħamiem fil-Pjazza u peress li din ma waqfitx, għamlet rapport l-għassa u nħarġet ċitazzjoni fil-konfront ta' din il-persuna. Il-Kunsilliera Piccinino talbet sabiex isir iktar *enforcement* u li jsir avviż fuq Facebook fejn infakkru lir-residenti fil-*Bye-Laws* li ma tistax titma ħamiem.

05.04.22 Il-Kunsilliera Piccinino talbet li jerġa jeħel ir-*railing* fi Triq Tramuntana kantuniera ma' Triq l-Arkati. Kien hemm qbil li l-ewwel titranġa l-bankina imbagħad jeħel ir-*railing*.

05.04.23 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jistgħux isiru xi tip ta' *Traffic Calmers* fin-niżla ta' Ghajn Dwieli. Kien hemm qbil li din it-talba ssir lil-Transport Malta.

05.04.24 Il-Kunsilliera Agius Attard talbet sabiex isir *refresh* tar-*Reserved Parking Bay* fi Triq il-Qalb ta' Ġesù. Kien hemm qbil li din issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

05.04.25 Il-Kunsilliera Agius Attard irrimarkat dwar problema ta' ġrieden fi Triq Wied Blandun kantuniera ma' Triq Charles Platter. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lis-Sanita'.

05.04.26 Il-Kunsilliera Agius Attard ressqet talba għal bandla addattata għat-tfal żgħar fi Ġnien Dom Mintoff. Ġie deċiż li nġibu l-kwotazzjonijiet għal din il-bandla.

05.04.27 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk hawn *AED portable machines* fil-lokalita' Is-SE informa li kien ser jiċċekkja.

05.04.28 Il-Kunsilliera Agius Attard talbet jekk hux possibbli li jitranġa sqaq li hemm bejn Triq Bormla u Triq il-Qalb ta' Ġesù. Kien hemm qbil li niċċekkjaw ma' Infrastructure Malta.

05.04.29 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet meta ser issir Triq Lampuka u s-Sindku nforma li l-ewwel li kien user isiru kienu Triq il-Foss u Triq Santa Ubaldeska. Triq Lampuka ser issir wara.

05.04.30 Il-Kunsilliera Agius Attard tat dettalji dwar l-attività għat-tfal fi tmiem is-sajf u li kienet ser issir fi Ġnien Pawlu Boffa. Kien hemm qbil li din issir bi ħlas u li l-ġenituri jridu jimlew *Consent Form*. Dwar dan kien hemm qbil.

05.04.31 Il-Kunsillier Camilleri issuġġerixxa li ssir ATM fl-inħawi ta; Lourdes. Kien hemm qbil li għandna niċċekkjaw ma TM hux possibbli li ssir mal-binja tagħhom jew inkella ssir fi Ġnien Tony Bezzina.

05.04.32 Il-Kunsillier Camilleri talab lis-SE sabiex jibgħat sabiex issir magna tal-BCRS in-naħa ta' Lourdes.

***Il-Kunsilliera Agius Attard ħalliet il-laqgħa fid-21:25 minħabba mpenji oħra personali.***

05.04.33 Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex jitranġa puġġaman tal-ħadid in-naħa tal-Paola Wolves. Is-SE informa li din kienet ser issir.

## 05.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

05.05.01 Peress li kien sar il-ħin, kien hemm qbil li jekk hemm xi korrispondenza li hemm bżonn deċiżjoni urġenti fuqha, tintbagħat lill-Kunsillieri permezz tal-*email*.

## 05.06 Rapporti

05.06.01 Is-SE ippreżenta programm ta' taħriġ għall-istaff fil-*Customer Care* hekk kif kienet issuġġeriet il-Kunsilliera Piccinino fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsilliera

Piccinino irrimarkat li t-taħriġ jidher li huwa ppjanat sew u kienet qed tirrakkomanda li dan isir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**05.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/05**

05.07.01 L-iskeda ta' Pagament ġiet approvata unanimament minbarra l-kontijiet numru 13 u 35 peress li rridu niċċekkjaw dwarhom.

**05.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

05.08.01 Il-laqgħa ntemmet fl-09:40 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2024 fis-6:00 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |